**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nharl-Erbgha 14 ta' Dicembru, 2016**

**Avviz Numru: 512/2003 MLF**

**Emanuel Cassar**

**vs**

**Stephen Farrugia**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat l-avviz tal-attur fejn talab sabiex il-konvenut jigi kkundannat sabiex jirrifondilu s-somma ta' LM 900, prezz ta' vettura tat-tip Mazda 121 bin-numru ta' registrazzjoni LCC-087 mibjugha mill-konvenut lill-attur skond skrittura tal-14 ta' Awissu 2003 u dana prevja d-dikjarazzjoni li dan il-bejgh kien kolpit b'vizzju ta' kunsens ai termini tal-Artikolu 981 tal-Kodici Civili, kif ukoll minhabba li ma kienetx tal-kwalita' miftehma billi ma kenitx tista' tinstaq fit-triq ghax la kienet irregistrata u l-anqas ma kienet assikurata, meta l-attur kien biegh l-istess vettura bil-garanzija li kollox kien sewwa u li setghet tinsaq fit-triq.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Settembru 2003 kontra l-konvenut u bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Stephen Farrugia fejn eccepixxa:

1. Illi mhuwiex il-kaz li l-ftehim raggunt bejn il-partijiet kontendenti kien vizzjat kif kontemplat skond l-artikolu 981 tal-Kodici Civili.
2. Illi lanqas ma huwa l-kaz illi l-vettura meritu tal-kawza ma kienitx tal-kwalita' pattwita, kif qed jallega wkoll l-attur li inoltre naqas milli jiddepozita l-istess vettura taht l-awtorita' ta' din il-Qorti ghall-iskop li jkun jista' jipprocedi bl-istanza tieghu ghax-xoljiment tal-ftehim "de quo".

Rat li fis-seduta tat-28 ta' Frar 2005, gie verbalizzat li il-Qorti giet infurmata li l-vettura in kwistjoni tinsab esebita formalment fil-Qorti.[1]

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti :

1. Il-konvenut, Stephen Farrugia biegh vettura tal-marka Mazda, mudell 121 bin-numru ta' registrazzjoni LCC 087 lill-attur, Emanuel Cassar fl-14 ta' Awwissu 2003 u dana ghal prezz ta' LM 970.[2]
2. L-attur xehed li l-konvenut qallu li l-vettura ghandha kollox tajjeb, li qatt ma kienet milquta u li ghandha kollox imhallas, cioe kemm il-licenzji kif ukoll l-assigurazzjoni.[3]
3. L-attur ta lill-konvenut l-ammont ta' LM 900 mal-ftehim tal-bejgh tal-karozza u l-bilanc LM 70 kellu jghatihom lill-konvenut meta l-konvenut jkun dawwar il-licenzja fuq l-attur.[4]

[1] Ara l-verbal tat-28 ta' Frar 2005 a fol. 12 tal-process.
[2] Ara l-affidavit ta' Emanuel Cassar mmarkat bhala Dok EC 1 a fol. 14A tal-process kif ukoll ara l-affidavit ta' Stephen Farrugia a fol. 51 tal-process; ara d-dokument ffirmat mill-attur mmarkata bhala Dok A a fol. 53 tal-process.
[3] Ara affidavit tal-attur a fol. 14A tal-process.
[4] Ara l-affidavit ta' Emanuel Cassar mmarkat bhala Dok EC 1 a fol. 14A tal-process kif ukoll ara l-affidavit ta' Stephen Farrugia a fol. 51 tal-process.

4. L-attur xehed li wara li l-konvenut wasslu d-dar bil-vettura, qallu biex jghatti l-windscreen taghha, ghax il-vettura ma kellhiex il-licenzja mhallsa. L-attur jghid li hu talab lill-konvenut il-flus lura, imma dan ma riedx itihomlu kollha lura, u allura talbu jaghmillu ircevuta ghal flus li kien tah.

5. Min-naha l-ohra, l-konvenut jghid li qabel inqala l-inkwiet bejniethom, hu kien ghamilha cara lill-attur li hu kien ser jiehu hsieb ihallas il-licenzji negattivi.

6. L-attur jallega li meta ispezzjona l-vettura ma hutu jghid li sab li kellha l-inner panel maqsum, il-magna ma kinietx tahdem sewwa, id-dwal ta' quddiem u ta' wara jiccaqilqu u l-luggage boot kien mibrum u ma jinghalaqx sewwa.

7. L-attur jghid li l-konvenut prova jirranga xi uhud minn dawn id-difetti imma ma rnexxielux.

8. Min-naha l-ohra, il-konvenut jghid li qabel ftehmu fuq il-bejgh, l-attur kien saq il-vettura huwa stess.

9. Il-vettura Mazda 121 bin-numru ta' registrazzjoni LCC 087 hija registrata fuq certa Maria Camilleri, li tigi iz-zija tal-konvenut, liema licenzja kienet tkopri l-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2001 sal-31 ta' Dicembru 2001. Il-licenzja qatt ma ggeddet wara dan il-perijodu.[5]

10. Fl-20 ta' Awwissu 2003 kien hemm applikazzjoni ghat-trasferiment tal-vettura minn din certa Maria Camilleri ghal fuq isem il-konvenut, bid-data tal-bejgh mnizzla bhala l-4 ta' Awwissu 2003.[6]

11. Il-vettura in kwistjoni kienet assigurata f'isem il-konvenut ghal perjodu bejn is-6 ta' Awwissu 2003 sal-31 ta' Dicembru 2003.[7]

12. Il-vettura tinstab esebita formalment fil-Qorti.[8]

**Kunsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

Il-kwistjoni li trid tiddeciedi din il-Qorti hija jekk kienx hemm vizzju ta' kunsens meta sar il-bejgh tal-vettura in kwistjoni u dan ai termini ta' l-Artikolu 981 tal-Kodici Civili kif ukoll minhabba l-fatt li l-vettura ma kienetx tal-kwalita' mifthema u dana ghaliex ma setghatx tinstaq fit-triq ghax la kella registrazzjoni u l-anqas assigurazzjoni kif mistenni.

---

[5] Ara x-xhieda ta' Brian Farrugia a fol. 25 tal-process.
[6] Ara d-dokument ta' trasferiment mmarkat bhala Dok B a fol. 55 tal-process.
[7] Ara x-xhieda ta' Duncan Debattista a fol. 62 tal-process.
[8] Ara l-verbal tat-28 ta' Frar 2005 a fol. 12 tal-process.

Fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut jghid illi l-attur naqas li jiddepozita l-vettura taht l-awtorita ta' din il-Qorti gall-iskop li b'din il-kawza jottjeni x-xoljimnet tal-ftehim *de quo.* Fis-sentenza fl-ismijiet, **David Pace vs Tony Vella** deciza fit-12 ta' Novembru 2013, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili [9] osservat is-segwenti :

*« Bhala principju regolatur dawn il-Qrati dejjem irritenew li biex ix-xerrej jehles mir-rabta kontrattwali li kien dahal fiha li jakkwista l-oggett minghand il-venditur, fejn dak l-oggett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skond il-kwalita mwieghda, hu kellu jirrifjutah jew materjalment jew billi jiddepozitah taht l-awtorita tal-Qorti (Avv. Dottor Louis Cassar Pullicino nomine vs Pauline Buhagiar nomine, App Civ, 28/04/2000). ... Il-forma guridika tar-rifjut hi komunement meqjusa bhala d-depozitu formali tal-oggett permezz ta' cedola fil-Qorti u f'kazijiet ta' oggetti kbar id-depozitu fiziku tal-oggett ghand konsinjatarju."*

La darba sussegwentement sar verbal fis-sens li din il-Qorti giet infurmata li l-vettura in kwistjoni giet ezebita l-Qorti, u dan il-verbal ma giex kontestat, anke jekk ma ngabitx l-ahjar prova, u cioe c-cedola ta' depozitu, din il-Qorti tqis li l-konvenut mhux qed jikkontesta li bhala stat ta' fatt il-vettura giet iddepozitata taht l-awtoritia ta' din il-Qorti.

Ghalhekk, il-Qorti tqis li t-tieni parti tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut giet sorpassata, u se tghaddi biex tezamina iz-zewg eccezzjonijiet fil-meritu.

*<u>L-Ewwel Eccezzjoni – Vizzju tal-Kunsens skond l-Artikolu 981 tal-Kodici Civili.</u>*

L-attur qieghed jistrieh fuq Artikolu 981 tal-Kodici Civili li jghid is-segwenti :

*« (1) L-eghmil doluz huwa motiv ta' nullita' tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta.*

*(2) L-eghmil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat. »*

Fis-sentenza **Ian u Jacqueline konjugi Busuttil vs Carmen Taliana** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili[10] fis-6 ta' Dicembru 2002, gie ritenut hekk :

---

[9] Per Imhallef Mark Chetcuti.
[10] Per Imhallef David Scicluna.

*"Fis-sentenza taghha fl-ismijiet Reverendu Sacerdot Don Francesco Zammit et vs Avukat Dottor Anthony Farrugia et moghtija fil-31 ta' Marzu 1967 (Vol. LI.i.546), il-Qorti ta' l-Appell Kummercjali qalet:*

*"Illi din hi azzjoni ta' annullament ta' bejgh in bazi ghad-dolo tal-vendituri. Biex azzjoni simili tirnexxi jrid qabel xejn jigi pruvat illi kien hemm dolo da parti ta' wiehed mill-kontendenti. Il-prova tad-dolo - l-ligi tghidu espressament - trid issir minn min jallegah u l-intenzjoni li tqarraq hi essenzjali ghax id-dritt modern ma jammettix id-dolo oggettiv 'in re ipsa', hi espressa fil-kliem tal-artikolu 1024 tal-Kodici Civili 'inganni maghmulin minn wahda mill- partijiet' illi fit-test taljan tal-artikolu 687 tal-Ordinanza No. VII tal-1868 kienu 'raggiri usati da uno dei contraenti.'*

*Illi ghal dik li hi definizzjoni tad-dolo ghada tista' tigi utilment ripetuta anki llum dik ta' Labcone (fr. 1 para. D.4.3): 'dolum malum esse omnens calliditatem fallaciam marbinationem ad circumveriendum fallendum decipiendum alterum adhibitam'. Fi kliem iehor, id-dolo jikkonsisti fir-rieda hazina ta' wiehed mill-kontraenti li topera permezz ta' qerq ('raggiri') ....*

*Illi element iehor mehtieg espressament mil-ligi (artikolu 1024 Kodici Civli) biex azzjoni bhal prezenti tigi esperita b'success hu li r-raggiri uzati minn wahda mill-partijiet ikun tali li minghajrhom il-parti l-ohra ma kinitx tikkuntratta u anki din il-prova tispetta lill-atturi. Stanti li d-dolo hu kkunsidrat bhala vizzju tal-volonta` hu ragjonevoli li ma jkunx kawza ta' nullita` hlief in kwantu jkun ezercita influwenza deciziva fuq id-dikjarazzjoni tal-volonta` tal-kontraenti."*

Sentenza interessanti moghtija ukoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili,[11] hija dik fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs Dalli Brothers Limited et** fit-18 ta' Mejju 2012, fejn il-Qorti ddelinjat l-elementi ta' kunsens ivvizjat bil-qerq:

*"Il-Qorti tal-Appell, f'deċiżjoni tat-3 ta' Marzu, 2011, Appell Civili Numru. 136/2000/1 bl-ismijiet 'Frank Frendo et vs Joseph Vella et nomine' tagħmel riferenza għad deċiżjoni Joseph Mifsud noe v. Paul Tanti - Prim' Awla, 4 ta' Frar, 1965), fejn ġie ritenut :*

*Illi biex il-qerq jivvizzja l-kunsens ta' parti f'kuntratt jehtieg li (a) jithaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi; (c) b'mod li jkunu determinanti ghan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-ohra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jaghrafx li jkun gie*

[11] Per Onor. Imhallef Gino Camilleri.

*mqarraq u jkun ghemil li jmur lil hinn minn ftahir esagerat dwar xi kwalita` tal-oggett tan-negozju, u li kieku ma kienx ghal dak il-qerq, kieku ma kienx jidhol fin-negozju in kwisjtoni. Il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni hawn fuq ċitata tagħmel riferenza ukoll għal deċiżjoni oħra, li ukoll hija rilevanti għad-deċiżjoni odjerna u ċioe "P.L. Joseph Zammit noe et v. Joseph Fenech et" (Prim' Awla 4 ta' Marzu 2004) fejn ġie ritenut*

*"...l-qerq ma jistax jigi allegat meta l-fatti setghu jigu stabbiliti bla xkiel jew diffikulta` zejda mill-parti li tallega l-qerq, ghaliex f'kaz bhal dan ix-xilja ta' qerq ma tkunx ghajr skuza facli biex wiehed jahrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun dahal ghalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq." F'sentenza tal-Qorti tal-Appell, datata 13 ta' Ottubru 1998, bl-ismijiet Carmelo sive Charles Zarb et vs George Xuereb, ġie ritenut illi żball ta' fatt għandu jkun wieħed li jaqa' fuq is-sostanza tal-ħaġa sabiex iġib in-nullita. L-għemil doluż huwa motiv ta' nullita' ta' ftehim meta l-inganni magħmula minn waħda mill-partijiet huma tali li mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkontratta. Ir-riċerka jekk l-għemil doluż kienx determinanti hija waħda ta' fatt li għandha tiġi meqjusa fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ."*

Il-Qorti tosserva illi l-vettura kienet tappartjeni lil Maria Camilleri u li fl-4 ta' Awwissu 2003 kienet giet iffirmata formula tat-trasferiment tal-vettura ghal fuq il-konvenut.[12] Di piu', l-konvenut kien assigura l-vettura fuq ismu ghal perijodu bejn is-6 ta' Awwissu 2003 sal-31 ta' Dicembru 2003.[13] Izda l-licenzja qatt ma giet imdawra minn fuq Maria Camilleri ghal fuq il-konvenut.[14]

Il-bejgh tal-vettura in kwistjoni sehh fl-14 ta' Awwissu 2003.[15] Jirrizulta li fid-19 ta' Awwissu 2003, l-konvenut mar, skond hu, biex jirranga l-molla tal-luggage booth tal-istess vettura li kien ghadu kemm biegh lill-attur, u meta wasal allegatament gie aggredit minn hut l-attur.[16] L-attur jghid illi meta mar biex jixtri l-vettura huwa lanqas saq jew ipprova jsuq il-vettura. Fil-fatt huwa qal : *« ...ghall-habta ta' Awissu 2003 kont ilmaht karozza tal-marka Mazda 121 bin-numru ta' registrazzjoni LCC 087...Wara ftit zmien nistenna hdejn il-Mazda in kwistjoni, gie l-konvenut, fetah il-bieba tal-Mazda, harist lejn il-karozza u wara li l-*

[12] Ara d-dokument ta' trasferiment mmarkat bhala Dok B a fol. 55 tal-process.
[13] Ara x-xhieda ta' Duncan Debattista a fol. 62 tal-process.
[14] Ara x-xhieda ta' Brian Farrugia a fol. 25 tal-process.
[15] Ara l-affidavit ta' Emanuel Cassar mmarkat bhala Dok EC 1 a fol. 14a tal-process kif ukoll ara l-affidavit ta' Stephen Farrugia a fol. 51 tal-process; ara ukoll l-iskrittura privata ffirmata mill-attur mmarkata bhala Dok A a fol. 53 tal-process.
[16] Ara r-rapport tal-pulizija mmarkat bhala Dok D a fol. 58-59 tal-process.

*konvenut qalli li ghandha kollox tajjeb, li qatt ma kienet milquta u li ghandha kollox imhallas, cioe kemm il-licenzji kif ukoll l-insurance u li stajt nuzaha immedjatament, jien iddecidejt li nixtriha u fthemna fuq il-prezz…* »[17]

Il-konvenut minn naha tieghu jghid illi l-attur kien *"...saq il-vettura huwa stess. Ma kellu l-ebda lment x'jghamel dwarha.*"[18] L-attur jkompli jghid illi, *"...wara li ha l-flus qalli biex nghatti l-Windscreen tal-Mazda bhal ma' kienet ghax mil-lum il-quddiem ic-citazzjonijiet ghalija ghax il-Mazda ma' kellhiex il-licenzja mhallsa. Meta qalli hekk ghidtlu 'mela dhaqt bija' u tlabtu l-flus lura pero dan rrifjuta li jaghtini id-disa mija li tajtu u rid jghaddili biss tmien mija. Jien irrifjutajt u billi ma kelli xejn x'nuri sa dak il-hin li kont tajtu disa mitt lira, ghidtlu biex jghamilli ricevuta tal-flus li kont tajtu biex imbaghad nirranga mod iehor."*[19]

Izda l-karta[20] li giet ezebita mill-konvenut hija kemmxejn differenti minn dik deskritta mill-attur. Fil-fatt dan id-dokument datat 14 ta' Awissu 2003 huwa ffirmat mill-attur biss u hemm il-kitba li tghid is-segwenti: *"Behejt karozza lil Manwel Cassar Mazda 121 bin-number plate LCC 087 bil-prezz ta' 970.00 u ga taghni 900.00 jonqsu itini 70.00"* Din il-kitba turi li l-attur ghadu bil-hsieb li jzomm fis-sehh il-ftehim u li kien bi hsiebu jghati lill-konvenut LM70.00, bilanc tal-prezz.

Il-Qorti ma issibx li huwa kredibbli l-versjoni tal-attur, u cioe li hu ma pprovax jsuq il-vettura qabel ma xtraha. Wisq inqas kredibbli huwa l-fatt li l-attur ma spezzjonax il-vettura qabel ikkonkluda l-bejgh, u ma ndunax illi din il-vettura, kif jallega hu, kellha *"...l-inner panel maqsum, il-magna ma' kienetx tahdem sewwa, id-dwal ta' quddiem u ta' wara jiccaqalqu u l-luggage boot kien mibrum u ma' jinghalaqx sewwa."*[21] Di piu' kien facli ghall-attur li jivverifika wahdu jekk il-licenzja tal-vettura kinietx skaduta o meno, stante li din tkun imwahhla fuq il-windscreen. Dawn id-difetti huma kollha apparenti u setghu jigu konstatati mill-attur qabel iddecieda li jixtri l-vettura. Inoltre ma ngabet l-ebda prova indipendenti tal-hsarat li l-vettura allegatament ghandha.

---

[17] Ara l-affidavit ta' Emanuel Cassar mmarkat bhala Dok EC 1 a fol. 14a tal-process.
[18] Ara l-affidavit ta' Stephen Farrugia a fol. 52 tal-process.
[19] Ara l-affidavit ta' Emanuel Cassar mmarkat bhala Dok EC 1 a fol. 14a tal-process.
[20] Ara d-dokument ffirmat mill-attur mmarkata bhala Dok A a fol. 53 tal-process
[21] Ara l-affidavit ta' Emanuel Cassar mmarkat bhala Dok EC 1 a fol. 14a tal-process.

Fis-sentenza fuq citata **Bank of Valletta plc vs Dalli Brothers Limited et**, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk: "*Illi biex il-qerq jivvizzja l-kunsens ta' parti f'kuntratt jehtieg li (a) jithaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi; (c) b'mod li jkunu determinanti ghan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-ohra. ... L-għemil doluż huwa motiv ta' nullita' ta' ftehim meta l-inganni magħmula minn waħda mill-partijiet huma tali li mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkontratta. Ir-riċerka jekk l-għemil doluż kienx detterminanti hija waħda ta' fatt li għandha tiġi meqjusa fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ.*"

Illi mill-assjem tal-provi – li l-Qorti ma tistghax ma tosservax li huma poveri hafna – jirrizulta li d-difetti li minnhom qed jilmenta l-attur kienu kollha vizibbli kieku uza d-diligenza ordinarja meta ezamina l-vettura. Ma jirrizultax li l-konvenut uza xi raggiri biex iqarraq bl-attur halli dan jixtri l-vettura.

Ghalhekk, din l-eccezzjoni se tigi milqugha.

*It-Tieni Eccezzjoni – li l-vettura ma kinitx tal-kwalita pattwita*

Fl-avviz, l-attur jibbaza din l-allegazzjoni tieghu li l-vettura ma kienitx tal-kwalita pattwita fuq il-fatt li ma kinitx tista' tinstaq fit-triq ghax la kienet registrata u lanqas assigurata, meta skond l-attur, il-konvenut kien assigurah li l-vettura kellha kollox sewwa u setghet tinstaq fit-triq.

Kif diga inghad, rigward l-allegati difetti fil-vettura, dawn kienu kollha vizibbli, u jekk l-attur ma ndenjax ruhu jezamina sew il-vettura qabel jixtriha, dan ghandu ibatieh hu.

Irrizulta li fil-fatt il-vettura kienet assigurata, pero ma kienitx licenzjata biex tinstaq fit-triq. Imma l-konvenut jghid li hu kien qal lill-attur li l-arretrati tal-licenji kien se jhallashom hu, u din il-Qorti tqis li l-versjoni tal-konvenut hija aktar kredibbli.

Ghaldaqstant, anke din l-eccezzjoni se tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti fil-waqt li tiddikjara li t-tieni parti tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut giet sorpassata, tilqa' r-rimanenti eccezzjonijiet tal-konvenut, u ghaldaqstant tichad it-talba tal-attur.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu subiti kollha mill-attur.

**Maġistrat**

**Dott. Alan Zerafa LL.D.**
**Deputat Reġistratur**